MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2005

Avviz Numru. 359/2005

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom ta' Enemalta**

**vs**

**Carmelo Borg**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, erba' mija u sebgha u erbghin Lira Maltin u centezmu (LM3,447.01,0), ammont dovut minnu lilha proprio et nomine kwantu ghas-somma ta' hames mija u tlieta u sittin Lira Maltin u hames centezmi, (LM563.05,0),**

**ghall-konsum ta' l-ilma u kera ta' meter ta' l-ilma u kwantu ghas-somma ta' elfejn, tmien mija u tlieta u tmenin Lira Maltin u tlieta u disghin centezmu, (LM2,883.93,0), ghall-konsum ta' l-elettriku u kera ta' meter ta' l-elettriku fil-fond bin-numru 10, Villa San Gandolfo, Triq Sir W. Scott, Naxxar, Malta matul il-perjodu bejn is-7 t'april tas-sena 2000 sat-30 t'april tas-sena 2005 skond il-konti numru 1000038232 u d-dokument anness (WSC 1);**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-18 t'Ottubru tas-sena 2004 kontra tieghu li minn issa jinasb ingunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-1 ta' Novembru tas-sena 2005 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------